**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 454/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Roderick Agius)**

**Vs**

**-omissis-**

**Illum, 06 t'April 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat:

"**-omissis**:

U nakkuzah talli:

Fl-14 ta' Lulju 2019 gewwa -omissis-:

1. Ikkommettejt attentat vjolenti ghal pudur ta' -omissis- imwielda f' -omissis- meta int kont tutur ta' l-imsemmija minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri giet fdata lilek sabiex tihu

hsiebha, tedukahha, tghallimmha, tindukrahha jew izommha; Art 207, 202 (b)(g)(h)(vii)(j)(k) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq jghogobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma -omissis-.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kuf ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula."

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-6 ta’ Lulju, 2020 l-imputat iddikjara li m’ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Fis-seduta ta’ l-24 ta’ Lulju 2019 xehdet **-omissis-**[1] fejn spjegat li ghamlet rapport fl-ghassa tal-pulizija ta’ -omissis- u stqarret li nhar l-14 ta’ Lulju 2019, meta rritornat fir-residenza -omissis- fejn kienet ilha toqghod ghal gimghatejn matul iz-zmien taghha hawn Malta titghallem l-ingliz u tesperjenza ghal xahar il-hajja f’Malta, mar jilqaghha l-imputat u dan a kuntrarju ta’ dak li normalment isir stante li normalment dejjem il-mara tmur tilqaghha peress li aktarx din ta’ l-ahhar ma kinitx hemm. Xehdet li dak in-nhar ir-ragel laqaghha d-dar u taha bewsa fuq il-hugbejn, u peress li fi -omissis- imdorrijin ghal zewg bewsiet fuq il-hugbejn hi ma sabet obda oggezzjoni ghal zewg bewsiet. Kompliet tghid li hawnhekk ir-ragel ried it-tielet bewsa u hi irrifjutat u hassitha skomda. Tenniet tghid li hekk kif nizlet biex tnehhi z-zarbun ir-ragel taha daqqa fuq il-warrani taghha u hi rrejagixxiet billi taghtu harsa kera. -omissis- xehdet li r-ragel insista li

[1] A folio 21-28 tal-process

tmur mieghu fil-kcina halli jaghtiha flixkun ilma, marret fil-kcina hadet flixkun ilma, qaltlu l-lejl it-tajjeb u marret f'kamritha. Ziedet tghid li hekk kif kienet sejra f'kamritha r-ragel tefghalha bewsa u ghemizha. Waqt li kienet f'kamritha hassitha skomda hafna u rrejalizzat li r-ragel dejjem kien mohhu fiha u jsaqsieha mistoqsijiet personali bhal ezempju jekk ghandhiex xi gharus. Qalet li hi infurmat lil "*course leader*" -omissis-, -omissis- dwar dak li kien gara u biddlulha r-residenza immedjatament.

In kontro ezami ix-xhud qalet li dakinhar ma kien hemm hadd iktar prezenti ghajr hi u l-imputat filwaqt li kompliet tghid li l-mod kif taha daqqa fuq il-warrani taghha kienet intenzjonali u ma kinetx accidentali. Qalet ukoll li s-soltu l-mara kienet tilqaghha d-dar u dejjem laqghatha b'bewsa fuq il-hugbejn izda qatt ma bieset lir-ragel fuq il-hugbejn. -omissis- xehdet li ma kinetx taf li kien sar xi tgergir dwar ikel li ttiehed mill-"*fridge*" u qalet li hi dejjem ilma kienet tiehu mill-"*fridge*", hlief darba li flimkien ma' zewg studenti ohra minn skola ohra hi hadet xi "*cupcakes*" li kienu ghamlu huma stess.

**L-Ispettur Roderick Agius**[2] xehed li is-sinjorina -omissis- akkumpanjata mill-manager tal-kumpanija-omissis-ghamlet rapport l-ghassa fejn spjegat li kienet qeghda Malta biex titghallem l-ingliz u kienet tirrisjedi -omissis-. Zied jghid li -omissis- rraportat li nhar l-14 ta' Lulju 2019 ghal habta tad-disgha ta' filghaxija hekk kif irritornat lura d-dar fejn kienet qed tirrisedji fiha, sabet lil -omissis-, li huwa r-ragel li jghix f'dik id-dar, u hekk kif dahlet fid-dar -omissis- taha zewg bewsiet fuq il-haddejn. L-Ispettur Agius kompla jghid li gew infurmati li -omissis- talabha t-tielet bewsa, liema bewsa -omissis- rrifjutat u li hekk kif l-istess -omissis- daret u tbaxxiet biex tnehhi z-zarbun dan -omissis- taha "*slap*" fuq il-warrani. Spettur Agius xehed li -omissis- hassitha skomda u immedjatament wara l-imputat offrilha flixkun ilma, u wara li hadet dan

[2] A folio 29-33 tal-process

l-ilma l-imputat tefghalha bewsa bl-idejn u eghmizha. L-Ispettur Agius kompla jghid li -omissis- infurmatu li wara hi telghet torqod u wara dak kollu li kien gara hi ma bdietx thossha tajba bis-sitwazzjoni allura kienet infurmat lil ufficjali ta' l-istess skola fejn hija kienet tattendi li kienu bidluluha l-"*host*" family u r-residenza taghha. Xehed li kif sar ir-rapport, ressaq talba lil Magistrat ta' l-Ghassa sabiex jinhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' l-imputat -omissis-, liema mandat kien gie akkordat u sussegwentament prezentat fl-atti. L-Ispettur Agius kompla x-xhieda tieghu billi gharaf lill-imputat -omissis- fl-awla, u qal ukoll li lejliet l-istess jum li fih ta x-xhieda, l-imputat kien gie arrestat u fejn kien inghata d-drittijiet kollha skond il-ligi, liema drittijiet gew spjegati lill-imputat izda dan ta' l-ahhar ma kienx hassx il-htiega li jitkellem ma' avukat qabel l-interrogatorju u wisq anqas illi jkollu avukat prezenti waqt l-istess interrogatorju. Spettur Agius xehed li l-imputat qallu li ghalih kienet haga normali li jaghti zewg bewsiet lil kull min jidhol id-dar tieghu. Spjega li fil-bidu ta' l-interrogazzjoni s-sur -omissis- nnega li kien ghamel xi kuntatt mal-warrani ta' -omissis-, izda li aktar tard matul l-interrogazzjoni l-imputat qal li seta' kien hemm possibilita' li laqat il-warrani taghha. Kompla jghid li l-imputat ma kienx kapaci jispjega kif seta' laqghat il-warrani ta' -omissis-, izda l-istess kien ikkonfermalu li offra l-ilma lil -omissis-, u kkonferma ukoll illi baghtilha bewsa bl-idejn biss. Kien innega li kien eghmizha.

Gie prezentat ir-rapport[3] ta' l-istess kwerelanta fil-prezenza ta'-omissis-, "*manager*" tal-iskola -omissis-, bhala gwardjan legali taghha peress li l-vittma minorenni, fejn qalet li fl-1 ta' Lulju 2019 hi giet Malta biex tistudja l-Ingliz permezz ta' l-iskola -omissis- u tul iz-zjara taghha f'Malta hi kellha toqghod ghand -omissis- bin-numru tal-karta ta' l-identita' -omissis- flimkien ma' martu -omissis- fl-indirizz -omissis-. Xehdet kif -omissis- qalet li nhar l-14 ta' Lulju 2019 fid-disgha ta' filghaxija waslet

[3] Dok RA4 a folio 14-16 tal-process

id-dar ta' -omissis- u -omissis-. -omissis- laqaghha fid-dar tieghu u taha zewg bewsiet fuq il-hugbejn. -omissis- tenniet tghid li -omissis- ried bewsa ohra li hi rrifjutat li taghti, u li meta nizlet biex tnehhi iz-zarbun -omissis- taha daqqa fuq il-warrani taghha. -omissis- kompliet tghid li f'dak il-mument hi taghtu harsa kerha u li -omissis- stedinha fil-kcina u offrielha flixkun ilma. Hi qalet li hadet l-ilma u marret f'kamritha, fejn dak il-hin -omissis- tefghalha bewsa u ghemizha.

Hija kompliet tghid li l-ghada, jigifieri nhar il-15 ta' Lulju 2019 -omissis- infurmat lill-"*course leader*" is-sur -omissis- b'dak li kien gara l-gurnata ta' qabel, li kien avza wkoll lill-"*manager*" tieghu u bidlulha l-post ta' residenza immedjatament. -omissis- qalet li meta hi kienet qed tpoggi l-bagalji fit-"*taxi*" sabiex titlaq mid-dar gewwa -omissis-, -omissis- mar u qalilha li ahjar jekk hi titlaq.

**PS274 James Turner**[4] xehed illi nhar it-23 ta' Lulju 2019 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar sar rapport mis-sinjorina -omissis- flimkien mat-"*tutor*" taghha li kien ukoll "*manager*" fl-iskola -omissis-, dwar incident li sehh fir-residenza fejn l-istess Sinjorina -omissis- kienet qeghda tirrisjedi. PS274 Turner xehed li r-rapport kien ittiehed minn pulizija mara 393 sabiex is-sinjorina -omissis- tkun aktar komda. L-istess rapport[5] gie ikkonfermat min PS274 Turner fejn qal li kien hemm certu avvanzi permezz ta' bews u *slapjatura* fuq il-warrani minn ghand -omissis- fil-konfront tas-sinjorina -omissis-. PS 274 Turner xehed li hu ma kienx involut fl-arrest ta' -omissis- u li fl-ebda hin ma kellem lill-istess -omissis- izda l-involviment tieghu kien limitat ghall-fatt li hu gab il-mandat minghand il-Magistrat ta' l-Ghassa. Waqt il-kontro-ezami stqarr li hu ma acceddix fid-dar ta' -omissis-, u fejn qal ukoll li l-"*manager*" ma jghix ma' l-istudenti fl-istess dar, u li f'dak iz-zmien ma kienx hemm

[4] A folio 51-55 tal-process
[5] Dok RA4 a folio 14 tal-process

studenti ohra fl-istess dar, jigifieri dak il-hin ta' l-allegat incident fid-dar kien hemm -omissis- u -omissis-.

**L-imputat**[6] xehed fit-2 ta' Gunju 2021 fejn spjega li sal-gurnata ta' l-arrest ma kien mgharraf b'xejn. Hu ma kellux ideja x'gara u qal li tul iz-zmien li kien ikollu studenti qatt ma kellu accidenti bhal dawn u dejjem kien inghata ittri ta' ringrazzjament. -omissis- qal li ma jafx jekk laqathiex u kif seta' laqatha. Tenna wkoll li l-mara tieghu l-hin kollu tkun id-dar. -Omissis- xehed li hu konvint li ma ghamel xejn.

Fis-7 ta' Lulju 2021 kompla jixhed[7] l-imputat fejn rega kkonferma li hu cert li ma ghamel xejn u jekk possibilment laqat lis-sinjorina -omissis- ma kellux dik l-intenzjoni. Fix-xhieda tieghu spjega li kif tidhol id-dar tieghu hemm entrata zghira imbaghad tarag. Xehed ukoll li hu tant kien konvint li ma ghamel xejn li ghalhekk irrifjuta d-dritt tal-prezenza ta' l-avukat waqt l-interrogazzjoni.

**Mart l-imputat**[8] xehdet wkoll fit-2 ta' Gunju 2021 fejn spjegat li kemm il-darba kellhom student, qatt ma rat ghajn hazina minn zewgha. Qalet ukoll li hi tahseb li jista' jkun din kienet xi vendikazzjoni minn naha ta' -omissis- peress li kienu qabduha darbtejn tiehu xi affarijiet mil-"*fridge*", xi haga li tmur kontra r-regolamenti ta' l-iskola. -omissis- xehdet li huma ma ghamlu xejn dwar it-tehid ta'affarijiet mill-"*fridge*" ghax -omissis- baqghet tghix maghhom sakemm gew il-pulizija, imbaghad telqet. Nhar is-7 ta' Lulju 2021 -omissis- xehdet[9] li wara li gew il-pulizija hi u r-ragel taghha kienu tkellmu fuq l-allegat accident. Hi xehdet ukoll li kienet prezenti fid-dar dak il-hin ta' l-allegat accident imma ma kinetx fl-istess kamra fejn sehh l-istess allegat accident.

---

[6] A folio 107-109 tal-process
[7] A folio 114-117 tal-process
[8] A folio 110-112 tal-process
[9] Afolio 114-117 tal-process

**Ikkunsidrat:**

Illi l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali jaqra kif gej:

> *Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin: Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad.*

Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna.

Dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali tghallem li:

> *L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' –jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato*[10]

[10] **Pulizija vs Gerald Cassar** Appell Kriminali deciza 18/07/1959

F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Micallef**[11]:

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* ***The Police v. Thomas Wiffen****.*

F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista **Francesco Carfora**, li:

> *"'Atti di libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine .... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine ... noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere*

[11] Deciz mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)

*materiali e di una certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali'*[12].

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi *atti di libidine*, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen**[13] li tghid:

*"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*

*Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taht certi cirkostanzi, li wiehed imiss il-warrani ta' tfajla u ibusha jista' jammonta ghal *att ta' libidine*.

Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud**[14]**:**

---

[12] Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967
[13] Deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996
[14] ol. XXXIX.iv.931

*“L-artikolu dwar l-attentat vjolent għall-pudur kien meħtieġ, għax, jekk l-azzjoni tas-suġġett attiv tkun oltraġġjat il-pudur tas-suġġett passiv, dan hu bizzejjed, kien x’kien il-motiv li spinga s-suġġett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuż, imma, per eżempju, kien vendetta. Hekk kien il-każ ‘Rex vs Carmelo Delia’, 2 ta’ Dicembru 1901, fejn is-suġġett attiv iddiporta ruħu diżonestament ma’ mara, iżda għall-fini ta’ vendetta; u l-Qorti qalet – ‘Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell’oltraggio violento all’altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l’azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.’*

L-istess jgħid l-**Arabia**, fejn b’riferenza għall-għemil tas-suġġett attiv f’reat simili, jindikah bħala “ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli i libidine, perche` non hanno per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta[15].”

Kif spjegat fis-sentenza **il-Pulizija vs Oglive Grima[16]** *“din id-definizzjoni ta’ atti ta’ natura sesswali tħaddan fiha kull forma ta’ vjolenza sew morali sew fiżika, sesswali u psikoloġika jew kull forma ta’ ħsara magħmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida għall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista’ qatt iqies*

[15] 8 Principi del Diritto Penale, p. 344
[16] Deciza fit-20 ta Settembru, 2020

*illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Spiro Silvio**.

Il-**Carrara** jindirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:

> "Vi fu violenza nell'atto?
> Vi fu scopo di libidine?
> Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?
> Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento?[17]"

L-Archbold jispjega hekk:

> *A person (A) commits an offence if—*
> *(a) he intentionally touches another person (B),*
> *(b) the touching is sexual,*

[17] Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410

*(c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*[18]

Skont l-artikolu 207, dan l-attentat vjolent "fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu [inkluz naturalment l-artikolu 198]".

Illi skond gurisprudenza kostanti fil-kaz ta' dan ir-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur, hemm sitwazzjonijiet varji ta' atti libidinuzi li jistghu jikkostitwixxu l-element materjali. Dawn jistghu jkunu jvarjaw minn semplici bewsa mhux mixtieqa fuq il-haddejn tal-vittma, jew xi tokkata fugaci u momentanja fuq xi parti erogeneja tal-gisem minn fuq il-hwejjeg, ghall-atti vjolenti li jirraprezentaw l-elementi kostituttivi tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[...]*

*In H. [2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might*

[18] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923

*the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37.*[19]

B'referenza ghall-intenzjoni, Carrara jghid: "*Non e` la causa che spinse ad agire che determina ma la produzione del risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui mediante un atto diretto a tale scopo*".

L-artikolu 202 tal-Kap 9 jelenka diversi cirkostanzi aggravati fosthom artikolu 202(b) - meta d-delitt isir minn axxendent, tutur jew istitutur fuq persuna taht it-tmintax il-sena:

*202. Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*...*

*(b) meta d-delitt isir minn axxendent, tutur, jew istitur;*

*...*

*(g) meta d-delitt isir fuq persuna li tkun minuri;*

*(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta':*

*...*

[19] Pg. 923

*(v) xi persuna oħra li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat*

...

*(j) id-delitt, jew id-delitti relatati, saru ripetutament;*

*(k) id-delitt sar kontra persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2);*

**Ikkunsidrat**:

Certament ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[20]. U kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*"[21].

Il-kwistjoni kollha hi wahda ta' kredibilita`. Fil-kaz in ezami, il-Qorti filwaqt li tinnota l-konsistenza fix-xhieda tal-vitma, ma tistax ma tinnotax d-divergenza u n-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda ta' l-imputat fejn waqt l-istqarrija huwa qal li laqat lill-kwerelanta u li anke tefghalha bewsa hi u tiela' filwaqt illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa cahad kategorikament. Imbaghad qal illi jista' jkun li laqatha pero' ma setax jispjega kif dan seta' gara. Din il-Qorti qieghda tirriproduci partijiet tax-xhieda ta' l-istess imputat:

[20] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9

[21] Ara wkoll Appell Kriminali The Police vs Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju 1957

*"T. -omissis- giet lura d-dar filghaxija u jien ilqajtha d-dar, kif dahlet jiena tajtha zewg bewsiet fuq il-wardiet ta' wiccha ghax jiena normali li naghmel hekk imbaghad telghet torqod, qabel telghet torqod offrejtilha flixkun ilma ghax dejjem hekk naghmel, jista' jkun illi tfajtilha bewsa b'idejja u telghet torqod.*

*M. F'dawn il-mumenti illi semmejna aktar il-fuq, jista' jkun illi missejtilha xi ftit il-warrani ukoll?*

*T. Jista' jkun li lqattilha l-warrani imma mhux missejtulha*

*M. Tista tispjegali kif jista' jkun li lqattilha l-warrani?*

*T. Li lqattilha il-warrani jista' jkun imma ma kellix intenzjoni hazina, ma nafx kif ilqattilha l-warrani."*

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-atti kommessi mill-imputat u cioe' li prova jbusha it-tielet darba u li tefghalha l-bewsa u multo magis li mess il-warrani taghha jaqghu taht id-definizzjoni ta' atti impudici. Dwar in-nuqqas ta' volonta' tal-kwerelanta ghal dawn l-atti impudici mwettqa mill-imputat, il-Qorti ma ghandhiex dubju u dan in vista tax-xhieda taghha.

Illi tenut kont tan-nuqqas ta' volonta' tal-vittma (stante li minuri) u ta' l-atti imwettqa mill-imputat u dan fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata, madanakollu qieghda tichad it-talba sabiex l-imputat jinsab recediv stante li ma ngabet l-ebda prova f'dan ir-rigward mill-Prosekuzzjoni.

Illi fir-rigward ta' l-aggravju taht l-Artiklu 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Prosekuzzjoni naqset li ggib l-aqwa prova kif rikjest fil-kamp kriminali u ghalhekk il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati b'tali aggravju.

Dwar il-piena din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun lejn il-minimu taghha u li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja f'dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ma ssibx lill-imputat hati tal-aggravju li gie imputat lilu, u wara li rat l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car, l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' sena.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.

Di piu' tordna li l-akkuzat tittehidlu l-licenzja minghand l-Awtorita tat-Turizmu sabiex jigi pprojbit milli jilqa' studenti u/jew nies f'daru. Tenut kont ta' din l-ordni, il-Qorti tordna li l-eżitu ta' din is-sentenza jigi notifikat lill-Awtorita' tat-Turizmu.

Il-Qorti, biex tipprotegi lill-vittma li kienet minorenni meta twettaq ir-reat in ezami, tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-partijiet kollha f'din il-kawza kif ukoll id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal ghall-identita' tal-vittma u dan f'kwalunkwe forma ta' mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur